MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2011

Rikors Numru. 1057/2010

Rikors ta' Agnes Vella
Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament 1267/10 fl-ismijiet :
Mario Micallef (ID 511766M)
vs
Angela Micallef (ID 510264M)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Agnes Vella illi permezz tieghu a tenur tal-Artikolu 281 tal- Kap 12 talbet illi l-Mandat ta' Zgumbrament Nru 1267/10 fl-ismijiet Mario Micallef vs Angela Micallef ghandu jithassar stante illi l-fond in kwistjoni Flat 4, Elmo, Qawra Road, Qawra, m'humiex fil-pussess ta' Angela Micallef imma huwa fil-pussess shih taghha stante illi l-fond gie abbandunat mill-istess Mario Micallef u c-cwievet tal-post gew ritornati lilha minn Angela Micallef snin ilu.

Rat ir-risposta ta' Mario Micallef fejn irribatta li Angela Micallef baqghet tghix fid-dar matrimonjali sa kemm il-kirja ta' l-istess fond gie mghoddija lil Mario Micallef.

Illi r-rikorrenti Agnes Vella tghid li Angela Micallef ikkonsenjat ic-cwievet tal-fond lilha, izda skond l-intimat din is-sottomissjoni hija mibnija fuq il-falsita illi l-fond inkera lil Angela Micallef meta irrizulta illi l-fond inkera lil Mario Micallef u li Angela Micallef qatt ma setgha kellha il-jedd tirrinunzja ghall-kirja. Fi kliem iehor, ir-rikorrenti Agnes Vella qeghda tirrikorri ghal din il-falsita bhala alternattiva ghal proceduri gudizzjarji li messhom gew istitwiti minnha kontra n-neputija taghha Angela Micallef u naturalment ukoll l-esponent zewgha biex il-kirja tigi terminata.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet Angela Micallef u qalet illi hija kienet irritornat ic-cwievet tal-fond in kwistjoni lil zijitha fl-2006 u telqet minn hemm hekk. Hija xehdet illi zijitha Agnes Vella hija sid il-post u li hija, jigifieri Angela Micallef, kienet tghix fil-post sal-2006. Hija xehdet illi zewgha telaq mill-fond in kwistjoni fl-2001 u illi l-fond kien inkera lilhom bi ktieb tal-kera.

Ikkunsidrat :

Illi l-procedura odjerna hija dik mahsuba fl-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li hija procedura fejn min jinhareg kontrih att ezekuttiv jista jipprezenta rikors lill-Qorti li tkun harget dak il-mandat u jitlob li l-istess mandat jew att ezekuttiv jigi imhassar sew ghal kollox, jew parti minnu u dan ghar-raguni valida fil-Ligi.

Illi l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 jghid hekk :

"281 (1) Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-

rikors lil dik il-Qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar,_sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi.

(2) Ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-parti opposta li, fi zmien ghaxart ijiem, ghandha tipprezenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tipprezenta. Izda l-Qorti tista', f'kazijiet urgenti, tirriduci l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppozizzjoni, il-Qorti ghandha tilqa' t-talba.

(3) Il-Qorti ghandha tiddeciedi dwar ir-rikors wara s-smigh tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk tahseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-prezentata."

Illi l-Qorti rat sentenza taghha moghtija fir-Rikors Nru 958/2003 fl-Atti tar-Rikors ta' Mandat ta' Qbid Eżekuttiv numru 1496/03 ippreżentat fit-2 ta' Settembru, 2003, liema rikors gie deciz fit-30 ta' Ottubru 2003 minn din il-Qorti, u il-Qorti kienet qalet illi kienet tal-fehma illi l-ghan illi ghaliha iddahhlet id-disposizzjoni fil-Kodici ta' l-Procedura illi permezz taghha parti tista titlob illi att ezekuttiv jithassar sew ghal kollox, jew f'parti minnu biss ghal raguni valida skond il-Ligi, huwa marbut ma xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li bis-sahha tieghu l-intimat ezekutat ibaghti pregudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, il-Qorti ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu innifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att eżekuttiv ikun inhareg.
Illi effettivament l-Artikolu 281 jaghmilha cara illi r-rimedju moghti lir-rikorrent f'kazijiet bhal dawk odjerni jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi li ligi ohra.

Ikkunsidrat :

Illi a fol. 10 tal-process hemm esebit l-att taz-zwieg tal-partijiet Mario u Angela Micallef u minnu jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Marzu 1990. A fol. 11 hemm esebiti kopji ta' ircevuti tal-kera tal-fond mertu tar-rikors odjern u jirrizulta li l-fond inkera lil Mario Micallef qabel ma izzewweg lill-imsemmija Angela Micallef. Effettivament il-fond inkera lilu fl-1 ta' Jannar 1990.

Illi a fol. 17 tinsab esebita kopja tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fejn il-Qorti ta' l-Appell kienet cahdet l-appell ta' l-imsemmija Angela Micallef u ikkonfermat is-sentenza appellata; liema sentenza kienet awtorizzat lil Mario Micallef jghix fl-imsemmi fond; liema fond kien id-dar matrimonjali ta' Mario Micallef u Angela Micallef.

Illi a fol. 48 tal-process hemm kopja tas-sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja fejn Mario Micallef kijen awtorizzat jghix fl-imsemmi fond. Effettivament il-Qorti kienet qalet hekk :

"Huwa gust u ekwu illi l-konvenut flimkien ma' uliedu jigi awtorizzat jghix fid-dar konjugali Elmo Flat 4 Qawra Road Qawra ad eskluzjoni ta' martu l-attrici, u dan in virtu ta' u b' applikazzjoni ta' l-artikolu 55A tal-Kap.16; u li konsegwentement l-inkwilinat tal-fond jibqa' jghajjat lilu kif kien mill-bidu nett."

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ukoll is-sentenza imsemmija tal-Qorti ta' l-Appell fejn il-Qorti qalet illi l-attrici ilmentat ghax riedet tibqa tghix f'din id-dar specjament ghaliex skond hi il-konvenut abbanduna id-dar. "Fuq dan l-ahhar punt din il-Qorti tara illi mhuwiex minnu illi l-konvenut abbanduna id-dar. Huwa talab u ottjena l-awtorizzazzjoni tal-allura Sekond Awla tal-Qorti Civili sabiex flimkien mat-tfal u fl-ahjar interess tat-tfal, huwa jallontana ruhu mid-dar matrimonjali, u dan peress illi l-komportament taghha (hajja mal-hbieb u hrug bil-lejl sa l-ghada filghodu) kien qed ikun ta' hsara ghall-istess tfal. L-attrici tipprova twarrab ir-rapport li hejjiet social worker u li approva dan il-pass tal-konvenut, billi osservat li din is-social worker

tahdem fl-iskola ta' San Alwigi fejn jahdem ukoll il-konvenut. Izda ma giex ippruvat illi s-social worker kienet ippregudikata kontra l-attrici u del resto il-komportament tal-attrici indikat aktar qabel huwa korroborat b'xhieda ohra. Jirrizulta wkoll li fiz-zmien li kienet tabita wahedha f'dan il-fond, hija kienet tippermetti lill-hbieb irgiel taghha jghixu fih, jew iqattghu hin twil hemm gew. L-appartament in kwistjoni kien inkera biex tghix fih il-familja Micallef wara iz-zwieg, u din il-Qorti tara li, fic-cirkustanzi, dak li fadal minn dik il-familja (il-konvenut u z-zewgt uliedu) ghandhom jithallew jirrisjedu fih b'mod esklussiv."

Illi ghalhekk jirrizulta mid-dokumenti esebiti illi Angela Micallef qeghda tittanta ghal darba ohra tikseb lura il-fond li kien inkera minn zijietha lil Mario Micallef, ir-ragel taghha. Ghalhekk hija daret fuq din il-Qorti sabiex tiehu dak ir-rimedju illi l-Qorti tal-Familja ma ghogobhiex takkordalha.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 li fuqu ir-rikorrenti ibbazat it-talba taghha ghar-revoka, jew sospenzjoni tal-Mandat ta' Zgumbrament, jaghti dritt biss lil min jinhareg kontrih att esekuttiv, u ghalhekk persuni li mhux indikati f'dak l-att esekuttiv ma jistghux jitolbu ir-revoka tieghu, jew is-sospenzjoni tieghu. Effettivament l-istess att mhuwiex esegwibbli kontra tieghu.

Illi kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Gulab Chatlani vs George Grixti, deciza fit-2 ta' Dicembru 1991 "ebda att gudizzjarju, fis-sistema taghna, ma jista' jkollu effikacja jew jigi mibghut u jolqot lil xi hadd li m' huwiex nominat" fil-mandat."

Illi l-Qorti tara illi filwaqt li l-mandat de quo ma jistax jigi esegwit kontra r-rikorrenti stante li din lanqas biss kienet parti fil-kawza u mhijiex indikata fil-mandat, u konsegwentement l-istess rikorrenti ma tistax titlob r-revoka jew is-sospensjoni ta' l-imsemmi mandat.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------